MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 2324/2002

**C. H. I. Limited**

**Vs**

**Youth Entertainment Services (YES) Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm1,356.00c (elf tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin) rapprezentanti ammont li thallas mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta ghas-servizzi ta' animazzjoni li kellhom jigu pprovduti lill-istess socjeta' attrici skond ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, liema servizzi ma gewx ipprovduti u in kwantu Lm126.00c (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta' telefonati li saru minn impjegati tas-socjeta' konvenuta a skapitu tas-socjeta' attrici.
Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi respinta kontra l-istess socjeta' attrici stante illi s-socjeta' konvenuta ottemperat

ruhha pienament ma' l-obbligi kuntrattwali taghha ai termini tal-ftehim tal-kawza de quo. Illi s-socjeta' attrici naqset milli tiffornixxi l-materjal u l-mezzi necessarji ghall-provizjoni tas-servizzi ta' animazzjoni in kwistjoni u li l-ebda ammont m'huwa dovut lis-socjeta' attrici stante li l-ftehim gie tterminat b'mod abbusiv u arbitrarju mill-istess socjeta' attrici li effettivament ipprekludiet lis-socjeta' konvenuta milli tkompli tipprovdi s-servizzi ta' animazzjoni in kwistjoni.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' Vanessa Coleiro li hija Leisure and Events Marketing Manager mas-socjeta' attrici fejn tghid li huma kienu hallsu depozitu lis-socjeta' konvenuta. Skond il-ftehim, l-animation team tas-socjeta' konvenuta kellha tibda fl-1 t'April, 2002 pero' kellhom hmistax-il-gurnata biex jidraw il-post u dan kien bla hlas skond il-kuntratt. Tghid li wara jumejn is-Sur Confalenieri kecca lir-rapprezentant ta' l-animation team tieghu stess u ghalhekk is-socjeta' attrici ma kienux jafu x'inhu jigri u kellhom diffikulta' ma' min jiddiljaw.

Skond il-kuntratt, is-socjeta' konvenuta kellhom jibghatu animation team li jafu jitkellmu bl-Ingliz izda wiehed biss kien jaf bl-Ingliz. Tghid ukoll li ma kien hemm ebda progress min-naha ta' l-animation team fil-fatt kellhom ukoll ilmenti minghand it-turisti.

Wara li l-animation team kien ilu hemm xi ghaxart ijiem sar meeting minhabba li kien hemm nuqqas ta' ftehim u kooperazzjoni bejn l-animators Maltin u dawk barranin. Wara xi nofs siegha fl-istess meeting is-Sur Confalenieri qal li ma riedx jahdem izjed mas-socjeta' attrici.

Vanessa Colerio kienet qaltlu li ma setghax jitlaq ghaliex kellu l-kuntratt u is-Sur Confalenieri nformaha li kien ser ihallas id-depozitu lura.

Kienu saru telefonati minn wahda mill-kmamar li kienu qieghdin jokkupaw dawn l-animators tas-socjeta'

konvenuta u s-Sur Confalenieri kkonferma li kien ser ihallsu.

Wara li hallsu d-depozitu ta’ Lm800.00c (tmien mitt lira Maltin) l-animation team tas-socjeta’ konvenuta marru l-Jerma u wara xi tlett ijiem kienu qabdu u telqu bla ma avzaw lil hadd. Is-Sur Confalenieri qal li ma riedx jahdem il-Jerma ghaliex kien ‘il boghod ghall-animation team u kkonferma li ha jaghti lura d-depozitu.

Coleiro tghid li kienet tfakkar lis-Sur Confalenieri li kellu jhallas iz-zewg depoziti lura. Sadanittant l-animation team bdew jahdmu l-Corinthia San Gorg izda wara gimghatejn jircievu telefonata minghand il-Ministeru tat-Turizmu fejn informawhom li l-animation team kienu minghajr il-permess tax-xoghol u ghalhekk gew imkeccijin.

Coleiro tghid ukoll li l-animation team kienu ghadhom ma bdewx jaghmlu xoghol fil-Corinthia San Gorg. Is-socjeta’ attrici tat akkomodazzjoni ghal gurnata jew tnejn lill-Head ta’ l-animation team tal-Mistra liema persuna kienet tkecciet mis-socjeta’ konvenuta. Coleiro tghid li ma kienx hemm bizzejjed hin biex jaghtu l-materjal li kellhom bzonn ghaliex l-animation team kien qabad u telaq. Is-socjeta’ konvenuta kienet infurmathom li ma setghux jahdmu mhux minhabba nuqqas ta’ materjal izda ghaliex ma setghux jifthiemu ma’ l-animation team, mal-Manager u l-impjegati tas-socjeta’ attrici. Tghid ukoll li fil-Corinthia, l-animation team tas-socjeta’ konvenuta beda jibni stage bil-materjal li pprovdiet is-socjeta’ attrici izda damu xi gimghatejn biex jibnu dan il-palk.
Ra l-Affidavit ta’ Luciano Cristina li huwa l-General Manager ta’ Corinthia Mistra Village Club Hotel, l-Affidavit ta’ Marceline Vassallo Mintoff li hija c-Chief Animator mal-Corinthia Mistra Village Club Hotel u l-Affidavit ta’ Nicholas Borg li huwa l-General Manager ta’ Corinthia Jerma Palace Hotel fejn ikkonfermaw ix-xhieda ta’ Vanessa Coleiro fix-xhieda taghha.

Ra x-xhieda ta’ Luciano Cristina fejn jerga’ jikkonferma li Fabio Confalonieri qal li kien ser ihallas il-kont tat-telefon li ghamel Antonio Ciliege. Jikkonferma wkoll li l-animation

team tas-socjeta' konvenuta bdew jibnu stage ghaliex qalu li ma kienx safe. Jikkonferma li l-istess stage ghadu jintuza sal-lum il-gurnata. Jichad li Fabio Confalonieri kien qallu li se jissostitwixxi lil Antonio Ciliege. Jichad li Confalenieri kien qal li hu ried jivverifika ma' l-Accountant tas-socjeta' konvenuta biex jara jekk id-depozitu jistax jithallas lura. Confalonieri kien qal li ser jaghti d-depozitu lura.

Ra l-Affidavit ta' Fabio Confalonieri li huwa mpjegat mas-socjeta' konvenuta, fejn ighid li s-socjeta' attrici kellha thallas is-somma ta' Lm2,500.00c (elfejn u hames mitt lira Maltin) fuq il-kuntratt stess izda b'kollox is-socjeta' attrici hallset Lm1,700.00c (elf u seba' mitt lira Maltin). Ighid li kien deher artiklu fil-gazzetta Malta Independent fejn jidher illi l-CHI kienet kecciet hamsin Malti mpjegati bhala animaturi biex tuza s-servizzi tal-YES minflok. Ir-rapprezentanta tas-socjeta' attrici li hija Vanessa Coleiro kienet qalet lil Confalonieri illi kien hemm biss erba' animaturi Maltin li jahdmu full-time mas-socjeta' konvenuta u illi dawn kellhom ikomplu jahdmu ma' l-animaturi tas-socjeta' konvenuta kif hemm miktub fuq il-kuntratt.

Ighid li s-socjeta' attrici fil-kuntratt xtaqet ikollha animaturi professjonisti Taljani. Fis-sitt klawsola tal-kuntratt mas-socjeta' attrici jispecifika illi l-lukandi ta' l-istess socjeta' attrici kellhom jipprovdu l-materjal necessarju kif ukoll l-akkommodazzjoni ghall-animaturi gewwa l-lukandi. Jghid ukoll li kien mar ikellem lil Luciano Cristina, d-Direttur tal-Mistra Village Club Hotel sabiex jipprovdi lill-animaturi tas-socjeta' konvenuta l-materjal li kellhom bzonn izda qatt m'ghaddielhom l-affarijiet. Ighid ukoll illi l-animaturi tas-socjeta' konvenuta kienu ntbaghtu mill-Manager tal-Corinthia San Gorg il-Belt, sabiex iqassmu xi flyers li m'ghandux x'jaqsam ma' l-animazzjoni. Il-Manager tal-Jerma Palace kien qabbadhom ukoll biex jaghmlu xoghol ta' waiters matul il-gurnata fejn fil-fatt dan ma kienx xogholhom. Jikkonferma li dawn l-animaturi kellhom esperjenza hazina hafna.

Jikkonferma wkoll li Antonio Ciliege gie mkecci ghall-imgieba tieghu fuq ix-xoghol. Ighid li ma kien hemm ebda mumenti fejn il-lukanda kienet minghajr kap ta’ l-animazzjoni. Jghid li Luciano Cristina ma kienx korrett kif imsemmi fuq l-Affidavit tieghu ghaliex skond il-kuntratt tal-YES l-animaturi setghu jitkellmu bit-Taljan, Germaniz, Ingliz u anke Franciz. L-animaturi tas-socjeta’ konvenuta kienu jitkellmu bit-Taljan u kien jifthiemu mar-residenti tal-lukanda. Confalonieri jikkonferma li kien ikun il-Mistra kuljum u ghalhekk kien jara l-ispettakli kollha li kienu jaghmlu l-animaturi tal-YES u jghid li kien ikun hemm hafna partecipazzjoni mill-pubbliku.

Jichad li kien talab biex jibnu palk iehor fil-Mistra, izda fil-fatt hu ried jirranga l-palk li kien diga hemm peress li kien fi stat hazin. Ighid li kien talab il-materjal lid-Direttur tal-Mistra ghaliex kemm Luciano Cristina u kemm Vanessa Coleiro kienu qalulu biex tinbena xenagrafija tad-diskoteka tal-Mistra.

Jichad ukoll illi qatt ma accetta illi jhallas d-depozitu lura anzi kien qal lil Coleiro li l-ewwel kellu jikkonsulta mas-Sur Albert Muscat li huwa l-Finanzjarju tal-kumpanija. Confalonieri m’huwiex awtorrizat illi jiehu decizjonijiet finanzjarji ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Jghid illi fil-kundizzjonijiet tax-xoghol li giet is-socjeta’ konvenuta kienu kostretti li jahdmu fihom huma wrew ix-xewqa illi jirrispettaw il-programm ta’ l-animazzjoni previst mill-kuntratt avolja s-socjeta’ konvenuta kellha hafna spejjez u sforz mhux previsti mill-kuntratt.

Fil-Jerma Palace l-istess animaturi kienu sabuha mpossibbli illi jaghmlu x-xoghol taghhom minhabba li diga kien hemm animaturi. Jghid li kien miftiehem li ssir laqgha ohra biex jikkonkludu l-kwistjoni izda qatt ma saret. Sadanittant, Trevor Fenech, li huwa d-Direttur ta’ l-Animazzjoni tal-YES li kien jahdem il-Corinthia San Gorg, informa lil Confalonieri illi d-Direttur ta’ l-Animazzjoni tal-lukanda kien avvicinah bil-proposta illi jhalli l-YES biex jigi mpjegat direttament mill-CHI. L-istess gara fil-Jerma Palace. Jghid li minhabba din l-attitudni sfaccat mis-socjeta’ attrici, Confalonieri kien konstrett illi jinterrompi s-

servizzi li kienu qed jigu rezi. Rigward il-kont tat-telefon li ghamel Antonio Ciliege, jghid li qabel ma bdiet il-kawza, s-socjeta' attrici kienet talbet somma akbar izda mbaghad nizlet ghal Lm126.00c (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin).

Is-socjeta' konvenuta qatt ma ndikat illi ser tidhol responsabbli ghall-hlas ta' ebda spejjez maghmula mill-impjegati taghha. Jghid ukoll li l-lukanda baqghet talloggja l-istess Ciliege ghal xi gimaghatejn wara t-tkeccija tieghu mis-socjeta' konvenuta. Huwa zball min-naha tas-socjeta' attrici li halliet lil Ciliege fil-lukanda fejn seta' jaghmel uzu tat-telefon. Jikkonferma li Ciliege ma kellu ebda awtorizazzjoni li jaghmel telefonati ghall-kumpanija u jikkonferma wkoll li qatt ma accetta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta li kien ser ihallas dan il-kont tat-telefon. Confalonieri jghid l-ahhar haga li s-socjeta' konvenuta pprovdiet servizzi ta' animazzjoni skond il-kuntratt fit-tlett lukandi tas-socjeta' attrici u qatt ma sar ebda hlas ghas-servizzi provduti.

Ra x-xhieda ta' Trevor Fenech li kien jahdem mas-socjeta' konvenuta bhala animator fejn kien imqabbad mis-socjeta' konvenuta bhala persuna responsabbli biex jassigura li x-xoghol isir. Ighid li meta ghadda l-lista ta' l-affarijiet li ghandhom bzonn lis-socjeta' attrici u bdew igibulhom il-quotations, kienet inqalet il-problema li s-socjeta' konvenuta ma baqghetx topera din l-animation li kellha ssir. Jikkonferma li s-socjeta' attrici kienet qieghda thallas l-animators izda l-animation ma kienetx qed issir u ghalhekk ir-Resort Manager xtaq li jkun hemm kollaborazzjoni u talab l-animators biex imorru jqassmu l-flyers. Qatt ma qassmu flyers il-Belt minhabba li dakinhar kienet ix-xita u l-impjegati tas-socjeta' konvenuta qassmu flyers madwar il-proprjeta' tal-Corinthia. Jikkonferma li kellu proposta minghand is-socjeta' attrici biex imur jahdem maghha.

Dwar kuntratti, Baudry Lacantinerie – Delle Obbligazioni Vol. 1. pagina 4 ighid:

"Una convenzione e' il risultato dell'accordo di due o piu persone che s'intendono per costituire tra di esse una

obbligazione o per estinguere o modificare un'obbligazione preesistente."

U a pagina 393 ikompli:

"Le convenzione legalmente formate tengono luogo di legge per colore che le hanno fatte. Cio significa che le convenzioni hanno, in massima, relativamente alle parti, la forza stessa della legge. In altri termini, le parti sono vincolate col lore consenso cosi' rigorosamente come sarebbero per la volonta' stessa del legislatore. … i tribunali dunque non possano, invocando una ragione di equita' rifiutarsi di far eseguire una convenzione… Dal momento che i tribunali sono incaricati di assicurare l'esecuzione delle convenzioni, essi hanno la facolta' di determinare la loro natura e la loro portata, in breve, di interpretarle."

A pagina 395:

"Lo stesso principo conduce pure alla conseguenza che spetta ai tribunali di pronunciarsi sul punto, se le convenzioni siano state gia' eseguite, e, in caso affermativo, se la loro esecuzione sia stata integrale."

A pagina 399:

"Esse (le convenzioni) non possono esser revocate se non per loro mutuo consenso (cioe' col consenso mutuo delle parti) o per le cause che la legge autorizza. Se, infatti, ciascuno dei contraenti potesse, senza l'adesione dell'altro, annullare la convenzione, non sarebbe vero che questa ha forza legale riguardo alle parti."

U a pagina 402:

"Esse (le convenzioni) debono essere eseguite in buona fede…cioe' conforme all'intenzione delle parti ed allo scopo ch'esse si sono proposte contrattando…le convenzioni obbligano non soltanto a cio' che vi e' espresso, ma anche a tutte le conseguenze che l'equita',

l’uso o la legge danno all’obbligazione secondo la sua natura.”

**Ikkunsidra**
Li s-socjeta’ attrici qieghda titlob li s-socjeta’ konvenuta thallas Lm1,230.00c (elf mitejn u tletin lira Maltin) bhala ammont imhallas ghas-servizzi ta’ animazzjoni liema animazzjoni ma saritx u Lm126.00c (mija u sitta u ghoxrin lira Maltin) rapprezentanti prezz ta’ telefonati li saru mill-impjegat tas-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta tghid li ottemperat ruhha ma’ l-obbligi kuntrattwali taghha u kienet is-socjeta’ attrici li naqset li tipprovdi l-materjal u l-mezzi necessarji ghall-provizjoni tas-servizzi. Luciano Cristina u Marceline Vassallo Mintoff cahdu l-allegazzjoni li s-socjeta’ attrici ma pprovditx il-materjal u mezzi necessarji.

Vassallo Mintoff, Cristina u Coleiro xehdu li Fabio Confalonieri ddikjara waqt laqgha li kien se jwaqqaf il-kuntratt u jaghti d-depozitu lura.

Maryrose Mifsud ikkonfermat bil-gurament li Confalonieri qalilha li hu kien se jhallas il-kont tat-telefonati li kien ghamel Ciliegi.

Is-socjeta’ konvenuta tghid li Fabio Confalonieri ma kellux awtorizazzjoni minghand is-socjeta’ konvenuta biex jacetta responsabbilta’ finanzjarja ta’ din in-natura. It-Tribunal jinnota li Fabio Confalonieri huwa Direttur tas-socjeta’ konvenuta u li kien Fabio Confalonieri li ffirma l-kuntratt bejn il-partijiet bhala Direttur ghas-socjeta’ konvenuta.
Is-socjeta’ konvenuta tghid ukoll li t-telefonati saru wara li Ciliegi gie mkecci u ghalhekk ma sarux fl-interess tas-socjeta’ konvenuta.

Mill-kumpless ta’ provi jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta ma kienetx ippreparata biex tesegwixxi x-xoghol skond il-ftehim bejn il-partijiet. Illi m’hemmx dubju li wara ftit il-kuntratt gie terminat (jew sospiz) u x-xoghol ma sarx. Illi ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghandha thallas lura l-

ammont ta' flus li rceviet ghax-xoghol li ma sarx. Illi s-socjeta' konvenuta tghid li x-xoghol ma sarx billi qatt ma nghataw il-mezzi. Is-socjeta' attrici tikkontesta din il-verzjoni. Ix-xhieda tas-socjeta' attrici huma kredibbli. Illi fl-Affidavit tieghu Fabio Confalonieri qal li hu kien informa lil Coleiro u lil Cristina li s-socjeta' konvenuta kellha tissospendi s-servizzi taghha ghax ma setghux ikomplu. Illi s-socjeta' konvenuta ma tistax tippretendi li tiehu l-flus ta' xoghol li m'ghamlitx ghaliex issospendiet is-servizzi taghha. Illi jekk kien hemm sospensjoni u mhux terminazzjoni kif allegaw ix-xhieda tas-socjeta' attrici ma giex spjegat mis-socjeta' konvenuta jekk u meta s-socjeta' konvenuta kienet se terga' tibda tahdem.

Illi l-meeting li fih Confalonieri qal li s-socjeta' konvenuta ssospendiet is-servizzi taghha kien fil-perjodu ta' hmistax-il gurnata li s-socjeta' konvenuta kellha tipprovdi s-servizzi bla hlas. Illi ghalhekk it-total ta' l-ammont mitlub fl-Avviz bhala pre-payment huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Illi dwar it-telefonati li saru minn Ciliege, Confalonieri jghid li s-socjeta' konvenuta qatt ma accettat li thallas ghal dawn. Maryrose Mifsud qalet "Confalonieri kkonfermali li l-kont in kwistjoni kellu jhallsu hu". Illi din id-dikjarazzjoni ma torbotx is-socjeta' konvenuta.

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi kif gej:

Illi s-socjeta' konvenuta ma kellhiex dritt li tissospendi s-servizzi taghha kif spjegat minn Fabio Confalonieri (ara Affidavit tieghu pagina 69 tal-process, tielet paragrafu) u m'ghandhiex id-dritt li zzomm il-flus li thallas lilha ghax-xoghol liema xoghol effetivament ma sarx. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi l-ammont ta' Lm1,230.00c (elf mitejn u tletin lira Maltin) lis-socjeta' attrici.

Illi t-talba attrici dwar l-uzu tat-telefon minn Antonio Ciliege hi michuda billi ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta accettat li thallas ghat-telefonati li jsiru mill-animators fil-lukandi.

Ghaldaqstant jilqa' r-Risposta ghar-rigward it-telefonati ta' Antonio Ciliege izda jichad ir-Risposta dwar ir-rifuzjoni u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm1,230.00c (elf mitejn u tletin lira Maltin). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (30 ta' Settembru 2002).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------